MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2010

Numru. 22/2008

**IL-PULIZIJA
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**JOHN FARRUGIA ta' 51 sena bin Joseph u Helen nee' Haber imwieled ir-Rabat (Ghawdex) nhar it-30 ta' Awissu 1959, residenti fil-fond numru Vitama, Flat 1, Triq Qasam San Gorg, Rabat (Ghawdex), detentur tal-karta tal-identita' numru 48559(G**)

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat John Farrugia li gie akkuzat talli:

a. Gewwa dawn il-gzejjer u/jew f’lokalitajiet ohra f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposzzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda b’eghmil zieni ikkorrompa persuni taht l-eta’ jigifieri lil OMISSIS li kien ta’ 15 il-sena, OMISSIS ta’ 14-il sena, OMISSIS li kien ta’ 13-il sena, OMISSIS li kien ta’ 15-il sena, OMISSIS li kien ta’ 12-il sena u OMISSIS li kien ta’ 15-il sena, kollha ta’ nazzjonalita’ Maltija u li gie kommess ukoll b’qerq.

b. Ukoll talli fl-istess zmien, data u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda b’eghmil zieni offenda l-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’post pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku u dana bi ksur ta’l-artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

c. U aktar talli bejn is-snin 2002 u 2005 gewwa Marsalforn u/jew f’lokalitajiet ohra f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda b’eghmil zieni ikkorrompa lill-minuri OMISSIS li llum ghandha erbatax-il sena liema reat gie kommess fuq persuna li ma ghalqietx l-eta ta’ tnax il-sena u gie kommess ukoll b’qerq.

d. Ukoll talli fl-istess zmien, data, hin u cirkostanzi b’diversi atti maghmulin minnu gib jew ippermetta li jgib xi ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti ta’ persuna taht l-eta’ jew qassam jew wera ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn jew kellu fil-pussess tieghu ritratt,f ilm, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn u dana bi ksur ta’l-artikolu 208A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

e. Ukoll talli fl-istess zmien, data, hin u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’l-awtorita’ kompenenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta’ taghha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, liema delitt ikun sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi il-misthija tas-sess ta’ dik il-persuna.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali tat-13 ta' Jannar 2009.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet l-eccezzjoni sollevata mid-difiza fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2009 liema eccezzjoni hija dik ikkontemplata fl-artikolu 33(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress illi l-imputat fil-waqt tal-kummissjoni tar-reat kien fi stat ta' genn.

Ikkunsidrat:

Illi min-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali u mill-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat jirrizulta illi lill-imputat qed jigi addebitat lilu b'mod ewlieni r-reati tal-korruzzjoni tal-minuri. Fil-fatt mill-provi akkwiziti f'dawn l-atti processwali jirrizulta illi l-imputat kien ihajjar diversi tfal sabiex jinvolvu ruhhom f'diversi attivitajiet sesswali mieghu. Dawn il-minuri kienu kemm subien kif ukoll tifla sahansitra ta' tmien snin li maghhom huwa kien jaghmel atti ta' libidini u wara ihallashom b'xi ftit flus. Dina l-attivita' jidher illi kienet ilha ghaddejja ghal diversi snin.[1]

Illi matul dana l-iter processwali l-imputat beda jinghata kura psikjatrika u dana wara li gie innominat il-psikjatra Dr. Joseph Spiteri sabiex jirrelata dwar il-kundizzjoni ta' sahha mentali tal-imputat. Fil-fatt fuq rakkomandazzjoni tal-istess espert psikajtriku l-imputat inzamm rikoverat gewwa l-Isptar Generali ta' Ghawdex fis-Psychiatric Ward (Short Stay) u hemmhekk huwa baqa' jircevi kura medika kontinwa.

---

[1] Ara xhieda ta' OMISSIS a fol.47, OMISSIS,a fol62, OMISSIS a fol. 71, OMISSIS a fol.96,

Illi abbazi ta' dak rappurtat mill-imsemmi espert prikjatriku d-difiza issollevat l-eccezzjoni a tenur tal-artikolu 33(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid testwalment:

"Kull persuna tkun ezenti minn responsabbilta' kriminali jekk fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas kienet fi stat ta' genn."

Illi esposizzjoni eccellenti tal-ligi in tema ta' demenza ghall-finijiet ta' l-Artikolu 33(a) tal-Kodici Kriminali saret f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-4 ta' Marzu 2010 fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri fejn saret referenza ghal dak li qalet din il-Qorti tal-Appell (diversament komposta) fis-sentenza taghha **Ir-Repubblika ta' Malta v. David Norbert Schembri** tal-25 ta' Settembru 2008:

**"Kif inhu risaput, l-espressjoni "stat ta' genn" fil-paragrafu (a) ta' l-Artikolu 33 tal-Kodici Kriminali ghandha sinjifikat legali li mhux necessarjament jattalja ruhu ma' dak li fil-medicina jew fil-psikjatrija jitqies bhala "genn". Kif jispjegaw l-awturi Jones u Christie fil-ktieb taghhom *Criminal Law* : "'*It is important to emphasise at the outset that insanity is a purely legal concept. It is not a clinical term derived from psychiatry or psychology. Insanityis not synonymous with any medical conception of mental disorder*.'**

**"Fi kliem iehor, persuna tista' tkun marida mentalment fil-mument li tkun ghamlet l-att ta' kommissjoni jew ommissjoni li jammonta ghall-element materjali tar-reat, izda dan ma jfissirx necessarjament li dik il-persuna kienet fi "stat ta' genn" ghall-finijiet ta' l-imsemmi Artikolu 33(a), cioe` tali li tkun ezenti minn responsabbilta` kriminali. Biex ikun hemm l-istat ta' genn li jezenta mir-responsabbilta` kriminali jrid jirrizulta (imqar fuq bazi ta' probabbilita`, meta d-demenza tkun giet eccemita mill-akkuzat jew imputat u allura l-piz ikun fuqu biex jipprova l-fatt li l-akkuzat jew imputat kien qed ibati minn marda tal-mohh li minhabba fiha, fil-mument ta' l-att ta' kommissjoni jew ommissjoni, huwa kien priv (i) jew mill-kapacita` li jifhem in-natura u l-kwalita` ta'**

**dak l-att li qed jaghmel, jew (ii) mill-kapacita` li jifhem li dak li qed jaghmel hu hazin, jew (iii) mill-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Marda tal-mohh – *disease of the mind* bl-Ingliz – mhux necesarjament tkun patologija lokalizzata fil-mohh – *in the brain*. Kif jispjega Lord Diplock fil-kaz ta' *Sullivan* [1984] AC 156, u b'referenza ghall-M'Naghten Rules – regoli, li wiehed m'ghandux jinsa, jirreferu biss ghall-kapacita` *di intendere*, mentri l-ligi taghna tikkunsidra wkoll jekk kienx hemm il-kapacita` *di volere:* –**

**"'*The nomenclature adopted by the medical profession may change from time to time…But the meaning of the expression 'disease of the mind' as the cause of 'a defect of reason' remains unchanged for the purpose of the application of the M'Naghten rules…'mind' in the M'Naghten rules is used in the ordinary sense of the mental faculties of reason, memory and understanding. If the effect of a disease is to impair these faculties so severely as to have either of the consequences referred to in the latter part of the rules , it matters not whether the aetiology of the impairment is organic, as in epilepsy, or functional, or whether the impairment itself is permanent or is transient and intermittent, provided that it subsisted at the time of commission of the act.*'**

**"U kif spjegat aktar fi *Blackstone's Criminal Practice 2008*:**
**"'*It can also be seen that to a large extent, whether something is a disease of the mind depends on the consequences it produces – impairment of the faculties of reason, memory and understanding. The disease certainly need not be one primarily located in the brain if it produces the relevant consequences there. Thus arteriosclerosis (hardening of the arteries) causing temporary loss of consciousness is a disease of the mind for these purposes even though it is of physical rather than mental origin…However not every cause of an impairment of these mental faculties is a disease of the mind. A disease is something internal to the accused and so*: *'A***

***malfunctioning of the mind of transitory effect caused by the application to the body of some external factor such as violence, drugs, including anaesthetics, alcohol and hypnotic influences cannot fairly be said to be due to disease'***
**(per Lawton LJ in *Quick* QB 910 at p. 922, emphasis added).'**

**"L-istess jista' jinghad fil-kaz ta' dipendenza, anke wahda qawwija, fuq drogi – tali dipendenza fiha nnifisha ma tammontax ghal marda tal-mohh ghall-finijiet tal-Artikolu 33(a) imsemmi.**

**"Biex din il-Qorti tikkonkludi fuq dan l-aspett ser tikkwota minn dak li wiehed isib fl-appunti tal-Professur Sir Anthony Mamo:**

**"'The question [of insanity], when it arises, is one of fact: it has, that is to say, to be decided whether the defendant had a mental disease and, if so, whether it was of such a character and degree as to take away the capacity to know the nature of his act or to help doing it.'"**

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali dina l-Qorti ghalhekk ghandha il-kompitu tistharreg jekk l-imputat fil-hin tal-kummissjoni tar-reat kien inkapaci "di intendere e di volere" u dana abbazi ta' dak li jikkonkludi l-espert psikjatriku u anke fid-dawl tal-provi mismugha f'dina l-kawza. Qabel xejn irid jinghad illi f'dana l-kaz l-imputat qed jigi akkuzat illi ikkorrompa diversi tfal taht l-eta' matul medda ta' zmien u  ghalhekk irid jigi mistharreg jekk l-imputat kienx qieghed ighix fuq bazi kwazi permanenti f'dana l-istat ta' genn.

Illi kemm mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat lill-pulizija kif ukoll minn dak li stqarr l-istess imputat lill-espert psikjatriku jirrizulta illi John Farrugia kien huwa stess jigi abbuzat sesswalment meta kien ghadu zghir minn irgiel

adulti[2]. Dana kollu halla impatt qawwi fuq is-sahha mentali tieghu li kien diga wiehed hazin.

Illi l-espert nominat mill-Qorti Dr. Joseph Spiteri kellu l-opportunita' mhux biss li jistudja l-atti processwali, izda wkoll isegwi lill-imputat tul dana l-iter processwali kollu u ghalhekk ilu jsegwi lill-imputat ghal dawn l-ahhar sentejn. Illi ghalhekk il-gudizzju tieghu fuq l-istat mentali tal-imputat m'huwiex wiehed ibbazat fuq intervista wahda jew tnejn, izda fuq kuntatt twil u kontinwu mal-imputat fejn l-istess espert kien ukoll il-psikjatra kuranti tal-imputat (u dana fuq istruzzjonijiet minn dina l-Qorti) u ghadu sal-lum jipprovdi il-kura lill-imputat.

Illi qed jigi sottolinjat dana kollu peress illi kif inghad fis-sentenza hawn fuq iccitata:
“Bhalma jghidu Timothy Jones u Michael Christie, b'referenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza in materja ta' eccezzjoni ta' demenza fil-kamp penali, u li hi simili hafna ghal dik taghna:
**“The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, ‘it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life.’ The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed.”**

Illi f'dana l-kaz ghalhekk l-espert prikjatriku kellu l-opportunita' jsegwi lill-imputat ghal certu tul ta' zmien u li ghalhekk seta' jasal ghad-dijanjosi tieghu mhux biss mill-aspett mediku izda wkoll minn dak kollu fattwalment

[2] Ara stqarrija ta'l-imputat a fol. 7 et seq. Tal-process

ikkonstatat minnu meta kien ikun mal-imputat. Fil-fatt fil-kawza l-espert psikjatriku jaghti x-xhieda tieghu mhux inqas minn tlett darbiet u jipprezenta zewg rapporti.[3]

Fl-ewwel rapport tieghu, Dr. Joseph Spiteri ighid:
" Is-sur Farrugia ghandu storja psikjatrika pjuttost twila. Gewwa l-Awstralja fl-1984 huwa kien diga gie ddjagnosjat bhala jbati minn Paranoid Schizophrenia wara li kien ghamel episodju fit-tul fejn kien jahseb li n-nies qed jigu kontra tieghu u qed ighamlulu xi hsara. Huwa fil-fatt ghamel xi perijodu gewwa l-isptar psikjatriku go l-istess post fejn kien joqghod. Hawnhekk kien beda t-trattament anti-psikotiku …

Is-Sur Farrugia jbati mill-kundizzjoni tal-*psoraisis* mill-aspett psikjatriku jbati minn *paranoid schizophrenia* b'diversi deluzjonijiet relatati kemm ma' *paranoia* kif ukoll ma' deluzjonijiet relatati mas-sesswalita' u l-pedofelija." Dr. Joseph Spiteri jsostni illi l-imputat ighix fi stat ta' deluzjonijiet anke fil-memorja tieghu Fuq l-aspett tal-pedofelija l-espert ikompli ighid: "Rigward il-hsibijiet relatati mas-sesswalita' huwa jirraporta illi huwa frekwenti li kien ikollu relazzjonijiet ma' tfal jew zghazagh u dana jghidu bla ebda habi ta' xejn u jghid illi jhoss sodisfazzjon meta dana jsehh. **Dawn il-hsibijiet jidhru relatati mal-mard psikjatriku jigifieri fis-sens illi l-volonta' taghhom hija ikkontrollata bid-disturb mentali li ghandu**. … **John Farrugia ghalkemm ghandu tendenzi pedofili, jigifieri li dan ikollu stimolu sesswali fil-presenza ta' tfal ta' taht l-eta, huwa jirreagixxi fuq id-deluzjonijiet u d-disturb psikjatriku illi ghandu … Jidher car illi l-istat mentali qieghed jaffetwalu l-idejat sesswali tieghu. … Minbarra l-aspett sesswali tieghu jidher ukoll illi d-disturb psikjatriku tieghu jinvolvi wkoll l-element ta' paranoia li ghadha prezenti sal-gurnata tal-lum,**"

Abbazi ta' dina d-dijanjosi fil-fatt l-imputat beda jinghata l-kura ghall-kundizzjoni tieghu mentali, kura li l-espert jiddeskrivieha bhala kura qawwija, liema kura jekk tieqaf,

[3] Ara Dokument Js a fol. 151 u r-rapport a fol.286

tista’ twassal ghal *relapse* fl-imputat. L-istess espert isostni illi llum il-kundizzjoni tal-imputat hija ikkontrollata izda mhux imfejqa. L-espert jikkonkludi:
“**Waqt iz-zmien ta’ l-allegati reati imsemmijin fil-process jidher illi John Farrugia kien qed ibati minn marda u kienet fil-fatt akuta.”**

**Ikompli:**

**“Huwa irid ikompli jircevi l-kura mehtiega biex il-marda tieghu tibqa’ ikkontrollata u b’hekk wiehed jevita l-possibilita’ li jkollu *relapse* u jergghu jibdew is-sintomi li kienu prezenti.**

Ghalhekk huwa tal-fehma illi l-imputat ghandu jibqa’ jinghata t-trattament gewwa sptar psikjatriku fejn huwa jista jkompli jircevi l-kura li ghandu bzonn ghall-kundizzjoni mentali tieghu filwaqt li ma jkunx ta’ periklu ghas-socjeta.

Illi minn dana kollu jirrizulta illi l-istint sesswali tal-imputat huwa ibbazat fuq id-deluzjonijiet tieghu. Huwa ma ghandux il-konoxxenza li qieghed jaghmel xi haga hazina, izda kif ighid l-espert stess huwa jitkellem fuq ix-xewqat sesswali tieghu minghajr habi u ighid illi l-istess jaghtuh sodisfazzjon. Dana kollu jwassal lil dina l-Qorti tikkonkludi illi l-imputat ma jirrealizzax illi dak kollu li jkun qieghed jaghmel ma’ dawn it-tfal huwa hazin u li huwa jkun qieghed jagixxi fuq id-deluzjonijiet tieghu.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-artikolu 33(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed tilqa’ l-eccezzjoni sollevata mid-difiza, tiddikjara illi l-imputat huwa ezenti minn kull responsabbilta kriminali peress illi fil-waqt tal-kummissjoni tar-reati addebitati lilu huwa kien fi stat ta’ genn.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 623 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qieghda tordna illi l-imputat jinzamm taht kustodja fl-isptar Monte Karmeli u hemmhekk jibqa taht kustodja u mizmum skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att Dwar is-Sahha Mentali, Kapitolu 262

tal-Ligijiet ta’ Malta u dana taht il-kura tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ dina is-sentenza tintbghat lit-Tabib Supretendent tal-isptar Monte Karmeli .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------